MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 506/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J Farrugia**

**Vs**

**Abdi Rahman**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Abdi Rahman ta’ 26 sena iben Abdilahi u Shukri, mwieled nhar is-26 ta’ Gunju, 1977, gewwa Kismajo Somalja, b’Passaport mhux maghruf.

Talli fit-22 ta’ Gunju, 2004 f’dawn il-gzejjer u gewwa Hal Balzan:

Talli ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra il-Pulizija PC 713 Chistopher Falzon waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi u dan *ai terminu* tal-artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Kevin Farrugia u PC 713 C. Falzon, PC 432 S. Mamo u PC 641 G. Laferla waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijietu u dan *ai terminu* tal-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Ga-al Abdurhahman Hassan ta' Nazzjonilita' Somala u dan *ai termini* tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, (vettura JAG 004) ghad-dannu ta' Joseph Agius, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin imma tkun izjed minn Lm50 u dan bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli gera bil-qawwi fit-triqat jew pjazez, b'perikolu li jahbat ma' xi hadd u jwegghu u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (cc) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli imbotta lil haddiehor fit-triq biex iwegghu jew jinsultah u dan *ai termini* tal-Artikolu 339 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli minghajr hsieb li jaghmel reat iehor dahal f'dar fejn joqghod haddiehor wara li jkun gie mwissi minnu cioe' minn Ga-al Abdurhaman Hassan ta' nazzjonalita Somala u dan *ai termini* tal-Artikolu 339 (o) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-Artikoli 96 (a), 338 (ee), 221 (1), 325 (b), 328, 338 (cc) (dd) (ff), 339 (l) (o) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal taghha tas-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li l-istess imputat inghata zmien sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu, liema ammissjoni giet konfermata.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, issib lill-istess imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannah ghat-terminu ta' prigunerija ta'sitt xhur sospizi ghal sena. Tordna li l-imputat ihallas is-somma ta' tnejn u tmenin lira u sittin centezmu (Lm82.60) bhala danni lill-parti civili indikat fl-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------